



Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2017/0128(COD)

28.3.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill l-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (riformulazzjoni)
(COM(2017)0280 – C8-0173/2017 – 2017/0128(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Branislav Škripek

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Iċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom id-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna skont l-Artikolu 6 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"), id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja skont Artikolu 7 tal-Karta u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali tagħhom skont l-Artikolu 8 tal-Karta.

Ġustifikazzjoni

Il-protezzjoni tad-drittijiet imsemmija hawn fuq għandha tiġi enfasizzata b'mod espliċitu, peress li l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni permezz tal-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi ta' pedaġġ jista' jhedded dawn id-drittijiet. Din l-emenda hija marbuta intrinsikament ma' emendi ammissibbli oħrajn.

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2) Hu meħtieġ li wieħed jaħseb għall-firxa kbira ta' sistemi elettroniċi **għall-ġbir tal-pedaġġi** fl-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien, u li jkun hemm sistemi interoperabbli adattati għall-iżvilupp fil-

(2) Hu meħtieġ li wieħed jaħseb għall-firxa kbira ta' sistemi elettroniċi **ta' pedaġġ** fl-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien, u li jkun hemm, **safejn ikun possibbli**, sistemi interoperabbli, **affidabbli, faċli għall-utent**

ġejjieni ta' politika dwar il-pedaġġi flivell tal-Unjoni u għal żviluppi fit-teknoloġija tal-ġejjieni.

u kosteffikaċi adattati għall-iżvilupp fil-ġejjieni ta' politika dwar il-pedaġġi flivell tal-Unjoni u għal żviluppi fit-teknoloġija tal-ġejjieni.

Ġustifikazzjoni

Is-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ għandhom ikunu kemm jista' jkun affidabbli, faċli għall-utent u kosteffikaċi. Dan għandu jiffavorixxi liċ-ċittadini tal-UE. Din l-emenda hija marbuta intrinsikament ma' emendi ammissibbli oħrajn.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) It-tixrid ta' speċifikazzjonijiet imposti mill-Istati Membri u *pajjiżi* ġirien għas-sistemi *tagħhom dwar il-ġbir tal-pedaġġi jistgħu jikkompromettu ż-żewġ għanijiet tal-politika dwar it-tħaddim* bla xkiel tas-suq intern *u dik* tat-trasport. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal *għal tixrid* ta' kaxxi elettroniċi mhux kompatibbli u li jiswew il-flus fil-kabini tas-sewwieqa ta' vetturi heavy duty, u għal żbalji li jistgħu jagħmlu s-sewwieqa meta jużawhom bir-riżultat, per eżempju, li mingħajr ebda ħsieb il-ħlas ikun ġie evitat. Tixrid bħal dan mhux aċċettabbli għal min juża u jipproduċi vetturi għal raġunijiet ta' spejjeż, sigurtà u dawk legali.

Emenda

(4) It-tixrid ta' speċifikazzjonijiet imposti mill-Istati Membri u *l-pajjiżi* ġirien għas-sistemi *elettroniċi ta' pedaġġ tagħhom jista' jikkomprometti t-tħaddim* bla xkiel tas-suq intern, *il-prinċipju tal-moviment liberu kif ukoll l-oġettivi tal-politika* tat-trasport. Sitwazzjoni bħal din tista' twassal *għat-tixrid* ta' kaxxi elettroniċi mhux kompatibbli u li jiswew il-flus fil-kabini tas-sewwieqa ta' vetturi heavy duty, u għal żbalji li jistgħu jagħmlu s-sewwieqa meta jużawhom, bir-riżultat, per eżempju, li mingħajr ebda ħsieb il-ħlas ikun ġie evitat. Tixrid bħal dan mhux aċċettabbli għal min juża u jipproduċi vetturi għal raġunijiet ta' spejjeż, sigurtà u dawk legali.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa għal raġunijiet urġenti relatati mal-loġika interna tat-test sabiex issaħħaħ il-proposta billi tindika li l-multipliċità ta' sistema eTolls taffettwa l-prinċipju tal-moviment liberu.

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) L-ostakoli artifiċjali għat-tħaddim tas-suq intern jenħtieġ li jitneħħew, waqt li jħallu lill-Istati Membri u l-Unjoni jimplimentaw varjetà ta' forum ta' politika għat-tipi kollha ta' vetturi fuq livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali. Jenħtieġ li t-tagħmir **stallat** ġo vetturi jippermetti l-implimentazzjoni ta' dawn il-forom ta' politika **diversa** dwar il-ġbir tal-pedaġġi skont il-prinċipji mhux diskriminatorji ta' bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri kollha. L-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ għalhekk tiġi żgurata kemm jista' jkun malajr.

Emenda

(5) L-ostakoli artifiċjali għat-tħaddim tas-suq intern jenħtieġ li jitneħħew, waqt li jħallu lill-Istati Membri u l-Unjoni jimplimentaw varjetà ta' forum ta' politika għat-tipi kollha ta' vetturi fuq livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali. Jenħtieġ li t-tagħmir **installat** ġo vetturi jippermetti l-implimentazzjoni ta' dawn il-forom ta' politika dwar il-ġbir tal-pedaġġi skont il-prinċipji mhux diskriminatorji ta' bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri **kollha, filwaqt li jirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali** kollha. L-interoperabilità **affidabbli** tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ fil-livell tal-Unjoni, **li hi bbażata fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali**, jenħtieġ li, għalhekk, tiġi żgurata kemm jista' jkun malajr.

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi ssalvagwardjat ir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali ta' persuni waqt l-implimentazzjoni tal-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi ta' pedaġġ. Din l-emenda hija marbuta intrinsikament ma' emendi ammissibbli oħrajn.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Jenħtieġ li jiġi kkonfermat li s-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) **huwa pprovdut** minn fornituri tal-EETS, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE¹⁷.

Emenda

(8) Jenħtieġ li jiġi kkonfermat li s-Servizz Ewropew ta' Pedaġġ Elettroniku (EETS) **ikun legalment ipprovdut** minn fornituri tal-EETS, kif speċifikat fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE¹⁷ **u f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali**.

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi

¹⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Applikazzjonijiet ta' pedaġġ elettroniku u oħrajn ta' ITS kooperattiv (C-ITS) jużaw teknoloġiji simili kif ukoll bandi ta' frekwenzi viċin xulxin għal-komunikazzjoni mill-qrib bejn il-vetturi u bejn il-vetturi u l-insfrastruttura. Fil-futur, il-potenzjal għat-tgħaqqid tal-pedaġġ elettroniku mas-C-ITS fil-banda 5.9 GHz, li bħalissa tintuża mis-C-ITS, għandu jiġi esplorat, wara valutazzjoni bir-reqqa tal-ispejjeż, tal-benefiċċji, tal-ostakli tekniċi u s-soluzzjonijiet possibbli għalihom.

Emenda

(10) Applikazzjonijiet ta' pedaġġ elettroniku u oħrajn ta' ITS kooperattiv (C-ITS) jużaw teknoloġiji simili kif ukoll bandi ta' frekwenzi viċin xulxin għal-komunikazzjoni mill-qrib bejn il-vetturi u bejn il-vetturi u l-insfrastruttura. Fil-futur, il-potenzjal għat-tgħaqqid tal-pedaġġ elettroniku mas-C-ITS fil-banda 5.9 GHz, li bħalissa tintuża mis-C-ITS, għandu jiġi esplorat, wara valutazzjoni bir-reqqa ***tal-impatt possibbli fuq il-privatezza u l-protezzjoni tad-data u*** tal-ispejjeż, tal-benefiċċji, tal-ostakli tekniċi u s-soluzzjonijiet possibbli għalihom, ***sabiex dan ma jikkostitwix ostaklu, speċjalment għall-SMEs.***

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-opinjoni adottata tal-Kumitat LIBE dwar is-Sistemi tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattivi (Grapini)

Emenda 7

Proposta għal direttiva Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Il-problemi fl-identifikazzjoni ta' trasgressuri mhux residenti tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ ifixklu l-introduzzjoni ulterjuri ta' sistemi bħal dawn u ***applikazzjoni*** aktar estiża tal-prinċipji ta' "l-utent iħallas" u "min iniġġes iħallas" fit-toroq tal-Unjoni.

Emenda

(13) Il-problemi fl-identifikazzjoni ta' trasgressuri mhux residenti tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ ifixklu l-introduzzjoni ulterjuri ta' sistemi bħal dawn u ***l-applikazzjoni*** aktar estiża tal-prinċipji ta' "l-utent iħallas" u "min iniġġes iħallas" fit-toroq tal-Unjoni, ***u għalhekk hemm bżonn li jinstab mezz li bih jiġu identifikati tali***

persuni.

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu **meħtieġa** jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni u d-data meħtieġa sabiex **jiġu evalwati** l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar dawk li jonqsu milli jħallsu tariffa tat-triq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun obbligata tevalwa d-data u l-informazzjoni miksuba, u biex tipproponi, jekk meħtieġ, emendi għal-leġiżlazzjoni.

Emenda

(16) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu **obbligati** jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni u d-data meħtieġa sabiex **tevalwa** l-effikaċja u l-effiċjenza tas-sistema għall-iskambju ta' informazzjoni dwar dawk li jonqsu milli jħallsu tariffa tat-triq, **filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-protezzjoni tad-data personali**. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun obbligata tevalwa d-data u l-informazzjoni miksuba, u biex tipproponi, jekk meħtieġ, emendi għal-leġiżlazzjoni. **Jenħtieġ li l-ebda data personali ma tiġi trażmessa lill-Kummissjoni jew tiġi kondiviża magħha.**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura l-konsistenza legali mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Għandu jiġi enfasizzat b'mod espliċitu li l-għoti ta' informazzjoni rilevanti min-naħa tal-Istati Membri lill-istituzzjonijiet tal-UE għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali.

Minħabba raġunijiet urġenti relatati mal-loġika interna tat-test u r-rabta ma' emendi ammissibbli oħrajn, huwa meħtieġ li titressaq din l-emenda.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) L-introduzzjoni ta' sistemi

AD\1149703MT.docx

Emenda

(17) L-introduzzjoni ta' sistemi

7/23

PE616.760v03-00

elettroniċi *għall-ġbir tal-pedaġġi jinvolvu l-proċessar ta' informazzjoni personali*. Proċessar bħal dan għandu jitwettaq *skond* regoli tal-Unjoni, kif preskritti, inter alia, fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹, fid-Direttiva (UE) **2016/680** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰ u *fid-Direttiva (UE) 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*²¹. *Id-dritt għall-ħarsien ta' data personali hu rikonoxxut espliċitament bl-Artikolu 8 tal-Karta dwar Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

²⁰ *Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).*

²¹ *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

elettroniċi *ta' pedaqġ tinvolvi l-ipproċessar ta' data personali*. *Id-dritt għall-protezzjoni ta' data personali huwa rikonoxxut espliċitament mill-Artikolu 8 tal-Karta u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*. Proċessar bħal dan għandu jitwettaq *skont* regoli tal-Unjoni, kif preskritti, inter alia, fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁹ u fid-Direttiva (UE) **2002/58/KE** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, u, *fejn in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq huwa reat kriminali fl-Istat Membru fejn huwa dovut il-ħlas, u bid-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*²¹.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

²⁰ *Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).*

²¹ *Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-*

prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tapplika r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u d-Direttiva tal-Pulizija (2016/680) għall-ipproċessar tad-data personali. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn l-Istati Membri fejn in-nuqqas ta' ħlas ta' tali tariffi huwa kwistjoni amministrattiva jew fejn huwa reat kriminali. L-emenda hija marbuta intrinsikament mal-emendi l-oħra mir-rapporteur.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u biex jiġi ffaċilitat l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament għall-progress teknoloġiku tal-lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għat-twertiq ta' tranżazzjonijiet elettroniċi ta' pedaġġ f'sistemi elettroniċi ta' pedaġġ li **jeh tiegħu** l-installazzjoni jew l-użu ta' tagħmir abbord. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

Emenda

(19) Sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u biex jiġi ffaċilitat **b'mod legali** l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, jenħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament għall-progress teknoloġiku tal-lista ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw għat-twertiq ta' tranżazzjonijiet elettroniċi ta' pedaġġ f'sistemi elettroniċi ta' pedaġġ li **jirrikjedu** l-installazzjoni jew l-użu ta' tagħmir abbord. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fuq il-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill

jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri li jimponu tariffi fuq tipi ta'vetturi partikolari, sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawk it-tariffi u l-għan li għalih jiġu imposti dawn it-tariffi.

Emenda

Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-deċiżjonijiet meħuda minn Stati Membri li jimponu tariffi fuq tipi ta'vetturi partikolari **u** sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawk it-tariffi u l-għan li għalih jiġu imposti dawn it-tariffi.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) "dominju ta' pedaqġ elettroniku" tfisser triq, netwerk tat-toroq, struttura bħalma **hi** mina, **pont** jew bastiment ta' traġitt fejn it-tariffi tat-triq jinġabru bl-użu, esklussivament jew parzjalment ta' **miżuri** ta' żvelar awtomatiku **u mekkaniżmi** bħal komunikazzjoni ma' tagħmir abbord il-vettura **jew għar-rikonoxximent** awtomatiku tal-pjanċi tal-karozzi;

Emenda

(e) "dominju ta' pedaqġ elettroniku" tfisser triq, netwerk tat-toroq, struttura bħalma **huma pont**, mina, jew bastiment ta' traġitt fejn it-tariffi tat-triq jinġabru bl-użu, esklussivament jew parzjalment, ta' **mekkaniżmi** ta' żvelar awtomatiku bħal komunikazzjoni ma' tagħmir abbord il-vettura, **possibbilment issupplimentati b'rikonoxximent** awtomatiku tal-pjanċi tal-karozzi;

Ġustifikazzjoni

Minħabba l-livell baxx ta' standardizzazzjoni tas-sistemi ta' rikonoxximent tal-pjanċi tal-karozzi fl-Unjoni, id-dipendenza esklussiva fuq ir-rikonoxximent tal-pjanċi tal-karozzi tista' twassal għal riżultati ħżiena. Għal din ir-raġuni, ir-rikonoxximent awtomatiku tal-pjanċi

għandu jintuża biss bħala għodda supplimentari għall-ġbir ta' pedaġġi.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) "Stat Membru tar-reġistrazzjoni" tfisser l-Istat Membri **ta' reġistrazzjoni tal-vettura** li biha jkun sar ir-reat ta' nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq;

Emenda

(i) "Stat Membru tar-reġistrazzjoni" tfisser l-Istat Membri **fejn hija rreġistrata l-vettura** li biha jkun sar ir-reat ta' nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq;

Emenda 14

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Is-sistemi elettroniċi ġodda kollha ta' pedaġġ li **jesiġu** l-installazzjoni jew l-użu ta' tagħmir abbord għandhom, biex jagħmlu tranżazzjonijiet elettroniċi ta' pedaġġ, **jużaw** waħda jew iżjed mit-teknoloġiji **elenkati fl-Anness IV**.

Emenda

Is-sistemi elettroniċi ġodda kollha ta' pedaġġ li **jirrikjedu** l-installazzjoni jew l-użu ta' tagħmir abbord għandhom **jużaw**, biex jagħmlu tranżazzjonijiet elettroniċi ta' pedaġġ, waħda jew iżjed mit-teknoloġiji **li ġejjin:**

- (a) **pożizzjonar bis-satellita;**
- (b) **komunikazzjonijiet mobbli bl-użu tal-istandard GSM-GPRS (referenza GSM TS 03.60/23.00);**
- (c) **teknoloġija ta' microwave b'5.8 GHz**

Ġustifikazzjoni

Is-soluzzjonijiet teknoloġiċi huma fattur determinanti ewleni tal-interoperabilità, wieħed mill-oġettivi ewlenin ta' din ir-riformulazzjoni. Għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni dwar il-lista tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi eliġibbli għandha titħalla f'idejn il-koleġiżlatur minflok il-Kummissjoni.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Sistemi elettroniċi ta' pedaġġ eżistenti li jużaw teknoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati **fl-Anness IV** għandhom jikkonformaw ma' dawk it-teknoloġiji jekk iseħħ titjib teknoloġiku sostanzjali

Emenda

Sistemi elettroniċi ta' pedaġġ eżistenti li jużaw teknoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati **fl-ewwel subparagrafu** għandhom jikkonformaw ma' dawk it-teknoloġiji jekk iseħħ titjib teknoloġiku sostanzjali.

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-emenda li tħassar l-Anness IV u tittrasferixxi l-lista ta' teknoloġiji eliġibbli lejn l-Artikolu 3(1) subparagrafu 1.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornituri tal-EETS għandhom jagħmlu disponibbli għall-utenti, tagħmir ta' abbord li jkun xieraq għall-użu, interoperabbli u kapaċi jikkomunika mas-sistemi kollha ta' pedaġġ **elettroniku** operattivi fl-Istati Membri li jużaw it-teknoloġiji elenkati **fl-Anness IV**.

Emenda

Il-fornituri tal-EETS għandhom jagħmlu disponibbli għall-utenti, tagħmir ta' abbord li jkun xieraq għall-użu, interoperabbli u kapaċi jkkomunika mas-sistemi **elettroniċi** kollha ta' pedaġġ operattivi fl-Istati Membri li jużaw it-teknoloġiji elenkati **fil-paragrafu 1**.

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-emenda li tħassar l-Anness IV u tittrasferixxi l-lista ta' teknoloġiji eliġibbli lejn l-Artikolu 3(1) subparagrafu 1.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. It-tagħmir ta' abbord jista' juża l-hardware u s-software tiegħu stess, juża elementi oħra ta' hardware u software

Emenda

4. It-tagħmir ta' abbord jista' juża l-hardware u s-software tiegħu stess, juża elementi oħra ta' hardware u software

preżenti fil-vettura, jew it-tnejn li huma. Għal fini ta' komunikazzjoni ma' sistemi oħra ta' hardware preżenti fil-vettura, it-tagħmir ta' abbord jista' juża teknoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati **fl-Anness IV**.

preżenti fil-vettura, jew it-tnejn li huma. Għal fini ta' komunikazzjoni ma' sistemi oħra ta' hardware preżenti fil-vettura, it-tagħmir ta' abbord jista' juża teknoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati **fil-paragrafu 1**.

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-emenda li tħassar l-Anness IV u tittrasferixxi l-lista ta' teknoloġiji eliġibbli lejn l-Artikolu 3(1) subparagrafu 1.

Emenda 18

Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-proċessar*** ta' data personali meħtieġ għat-tħaddim tal-EETS jitwettaq ***skond*** ir-regoli tal-Komunità li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ***ta' l-individwi***, inkluża l-privatezza tagħhom, u li, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679, ***tad-Direttiva (UE) 2016/680*** u tad-Direttiva 2002/58/KE jiġu mħarsa.

Emenda

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-iproċessar*** ta' data personali meħtieġ għat-tħaddim tal-EETS jitwettaq ***skont*** ir-regoli tal-Komunità li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali ***tal-individwi***, inkluża l-privatezza tagħhom, u li, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u tad-Direttiva 2002/58/KE jiġu mħarsa. ***Id-data personali pproċessata skont din id-Direttiva ma għandhiex tiġi ulterjorment ipproċessata għal finijiet oħra, u għandha titħassar hekk kif ma tibqax meħtieġa għall-fini li għalih ġiet ipproċessata.***

Ġustifikazzjoni

Peress li l-proposta se tipprevedi bidla sostanzjali fit-test attwali fis-seħħ sabiex tiġi żgurata l-interoperabilità tal-EETS, il-ħlas ta' tariffi u regoli ġodda dwar kooperazzjoni u infurzar bejn l-Istati Membri rigward it-tariffi mhux imħallsa, il-proposta timplika interferenza kbira fid-dritt għall-protezzjoni tad-data li mhuwiex indirzzat mill-proposta. Għalhekk, huwa meħtieġ li titressaq din l-emenda sabiex jiġu żgurati l-protezzjoni tad-data personali u l-konsistenza mad-dritt tal-UE.

Emenda 19

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Għall-investigazzjoni tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħra, aċċess għad-data nazzjonali li ġejja dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, bis-setgħa li jwettqu tiftix awtomatizzat dwarhom:

Emenda

Għall-fini unika tal-investigazzjoni tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffi tat-triq, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali ta' Stati Membri oħra aċċess għad-data nazzjonali li ġejja dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi, bis-setgħa li jwettqu tiftix awtomatizzat dwarhom:

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura l-konsistenza legali mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) data *relatata mal-vetturi*; kif ukoll

Emenda

(a) data *meħtieġa biex tiġi identifikata vettura speċifika*; kif ukoll

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) data *relatata mas-sidien jew mad-detenturi* tal-vettura.

Emenda

(b) data *meħtieġa biex jiġu identifikati u kkuntattjati s-sidien jew id-detenturi* tal-vettura.

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawn it-tiftixiet awtomatizzati għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri msemmija

Emenda

Dawn it-tiftixiet awtomatizzati għandhom isiru f'konformità **sħiħ** mal-proċeduri

fil-punti 2 u 3 tal-Kapitolu 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI²⁶ u mar-rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva.

msemmija fil-punti 2 u 3 tal-Kapitolu 3 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI²⁶ u mar-rekwiżiti tal-Anness II ta' din id-Direttiva, ***kif ukoll f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali kollha.***

²⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

²⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-kooperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali (ĠU L 210, 6.8.2008, p. 12).

Emenda 23

Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta tintbagħat l-ittra ta' informazzjoni lis-sid, lid-detentur tal-vettura jew alternattivament lill-persuna identifikata ssuspettata li naqset milli tħallas it-tariffa tat-triq, l-Istat Membru fejn seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq għandu, skont il-liġi tiegħu, jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti, partikolarment dwar in-natura ta' dan in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, il-post, id-data u l-ħin tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, it-titolu tat-testi tal-liġi nazzjonali ***li tagħhom ikun sar ksur*** u s-sanzjoni u, ***fejn xieraq, id-data li tikkonċerna t-tagħmir*** li ntuża fl-osservazzjoni tar-reat. Għal dak l-għan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq jista' juża l-mudell stabbilit fl-Anness III.

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Emenda

2. Meta tintbagħat l-ittra ta' informazzjoni lis-sid, lid-detentur tal-vettura jew alternattivament lill-persuna identifikata ssuspettata li naqset milli tħallas it-tariffa tat-triq, l-Istat Membru fejn seħħ in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq għandu, skont il-liġi tiegħu, jinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti, partikolarment dwar in-natura ta' dan in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, il-post, id-data u l-ħin tan-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, it-titolu tat-testi tal-liġi nazzjonali ***miksura*** u s-sanzjoni u ***d-data li jikkonċernaw it-tagħmir*** li ntuża fl-osservazzjoni tar-reat. Għal dak l-għan, l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq jista' juża l-mudell stabbilit fl-Anness III.

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. F'każ li l-Istat Membru fejn li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tanuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, dan għandu, bil-għan li jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati, jibgħat l-ittra ta' informazzjoni bil-lingwa tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, fejn disponibbli, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni.

Emenda

3. F'każ li l-Istat Membru fejn li fit-territorju tiegħu kien hemm nuqqas ta' ħlas ta' tariffa tat-triq jiddeċiedi li jibda proċedimenti ta' segwitu fir-rigward tanuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq, dan għandu, bil-għan li jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati, jibgħat l-ittra ta' informazzjoni bil-lingwa tad-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, fejn disponibbli, jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni. ***B'dik l-ittra, l-Istat Membru għandu jinforma lir-riċevitur dwar il-mekkaniżmi disponibbli għas-sid tal-vettura sabiex jikkontesta l-allegat reatu, b'mod partikolari, id-dritt ta' appell u rimedju legali kif ukoll l-awtorità li quddiemha dawn id-drittijiet jistgħu jiġu eżerċitati.***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tfittex li tiżgura l-konsistenza legali mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Emenda 25

Proposta għal direttiva Artikolu 8

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 8

Protezzjoni tad-data

1. ***Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jitrassponu d-Direttiva (UE) 2016/680 għandhom japplikaw għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva.***

Emenda

Artikolu 8

Protezzjoni tad-data

1. ***Ir-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE għandhom japplikaw għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva. Id-Direttiva (UE) 2016/680 għandha tapplika biss għad-data personali pproċessata skont din id-Direttiva fejn in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq huwa reat kriminali fl-Istat Membru fejn huwa***

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-data* personali *pproċessata skont din id-Direttiva jkun, f'perjodu ta' żmien xieraq, rettifikati jekk ma jkunux preċiżi, jew imħassra jew ristretti, u li jiġi stabbilit* limitu ta' żmien għall-ħżin *tad-data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u *l-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva* (UE) 2016/680.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-data* personali *kollha proċessata taħt* din id-Direttiva *tintuża biss għall-għan* li *jiġi ffaċilitat* l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqasijiet ta' *hłas ta' tariffi* tat-triq, u li s-suġġetti *tad-data għandu* jkollhom l-istess drittijiet *għall-informazzjoni, l-aċċess, ir-rettifika, it-tħassir u l-ibblukkar, kif ukoll id-dritt għall-kumpens* u rimedju ġudizzjarju kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679 u *għal-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva* (UE) 2016/680.

3. Kwalunkwe persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tikseb informazzjoni dwar liema data personali rreġistrata fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun ġiet trasmessa lill-Istat Membru fejn kien hemm nuqqas ta' *hłas ta' tariffa* tat-triq, inkluża *d-data* tat-talba u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kien hemm nuqqas ta' *hłas ta' tariffa* tat-triq.

dovut il-hłas.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *l-ipproċessar ta' data* personali *għall-finijiet tal-Artikolu 5 jkun limitat għat-tipi ta' data elenkati fl-Anness II.L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-suġġetti tad-data jkollhom id-dritt li jaġġornaw, jirrettifikaw jew iħassru d-data* personali *pproċessata mingħajr dewmien mhux dovut jekk ma tkunx preċiża. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu* limitu ta' żmien għall-ħżin *ta' data* personali skont ir-Regolament (UE) 2016/679 u, *fejn applikabbli, id-Direttiva* (UE) 2016/680.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *d-data* personali *pproċessata skont* din id-Direttiva *tiġi proċessata għall-unika fini* li *tiffaċilita* l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqasijiet ta' *hłas tat-tariffi* tat-triq u *m'għandhiex tiġi ulterjorment ipproċessata għal xi skop ieħor. L-Istati Membri għandhom jiżguraw* li s-suġġetti *tad-data* jkollhom l-istess drittijiet *ta' informazzjoni, aċċess, rettifika, tħassir u restrizzjoni tal-ipproċessar, li jressqu lment quddiem awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data, kumpens* u rimedju ġudizzjarju *effettiv* kif previst fir-Regolament (UE) 2016/679 u, *fejn applikabbli, id-Direttiva* (UE) 2016/680. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-aċċess għad-data* personali *jingħata biss lill-awtoritajiet kompetenti maħtura għall-iskambju ta' data* dwar *ir-reġistrazzjoni tal-vetturi.*

3. Kwalunkwe persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li tikseb, *mingħajr dewmien mhux dovut*, informazzjoni dwar liema data personali rreġistrata fl-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tkun ġiet trasmessa lill-Istat Membru fejn kien hemm nuqqas ta' *hłas ta' tariffa* tat-triq, inkluża *d-data* tat-talba u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru *li fit-territorju tiegħu* kien hemm nuqqas ta' *hłas ta' tariffa* tat-triq.

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha, sa [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-aspetti li ġejjin u għandha, kif xieraq, tagħmel proposti biex tkopri dawk l-aspetti:

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sa [4 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri. Fir-rapport tagħha, il-Kummissjoni għandha tiffoka b'mod partikolari fuq l-aspetti li ġejjin u għandha, kif xieraq, tagħmel proposti biex tkopri dawk l-aspetti:

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- ***analiżi tal-impatt tal-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 ta' din id-Direttiva dwar id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali,***

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex temenda ***l-Annessi I u IV*** ħalli ***dawn jiġu adattati*** għall-progress tekniku.

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex temenda ***l-Anness I*** ħalli ***tadattah*** għall-progress tekniku.

Ġustifikazzjoni

Konsistenti mal-emenda li tħassar l-Anness IV u tittrasferixxi l-lista ta' teknoloġiji eliġibbli lejn l-Artikolu 3(1) subparagrafu 1.

Emenda 29

Proposta għal direttiva Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li jiġu **adottat** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 10 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **indeterminat** mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

Emenda

2. Is-setgħa li jiġu **adottati** atti delegati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 10 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu **ta' ħames snin** mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. **Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul ta' żmien identiku, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jopponu tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.**

Ġustifikazzjoni

Għalkemm id-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni għandha tkun limitata fiż-żmien, id-Direttiva għandha tipprevedi l-possibilità ta' estensjoni taċita ta' dak il-perjodu.

Emenda 30

Proposta għal direttiva Anness I – paragrafu 1 – subparagrafu 3 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) validazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi magħżula vis-a-vis r-regoli tal-Unjoni li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-individwi, inkluża l-privatezza tagħhom u l-protezzjoni tad-data personali. b'mod partikolari, ikun meħtieġ

Emenda

(k) validazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi magħżula vis-a-vis r-regoli tal-Unjoni li jħarsu l-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-individwi, inkluża l-privatezza tagħhom u l-protezzjoni tad-data personali. b'mod partikolari, ikun meħtieġ

li tiġi żgurata konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE;

li tiġi żgurata konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 u d-Direttiva 2002/58/KE **kif ukoll, fejn applikabbli, id-Direttiva (UE) 2016/680;**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija meħtieġa għaliex hija marbuta intrinsikament ma' emendi oħra ammissibbli li jdaħħlu fit-test ir-referenza għad-Direttiva 2016/680.

Emenda 31

**Proposta għal direttiva
Anness III - paragrafu 26a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Rinunzja tal-Protezzjoni tad-Data:

Skont ir-Regolament (UE) 2016/679, inti għandek id-dritt li titlob aċċess għal data personali u rettifika jew tħassir tagħha jew restrizzjoni tal-ipproċessar rigward id-data personali tiegħek jew li toġġezzjona għall-ipproċessar, kif ukoll id-dritt għall-portabilità tad-data. Inti għandek ukoll id-dritt li tressaq ilment quddiem [isem u indirizz tal-awtorità superviżorja rilevanti].

[Jekk in-nuqqas ta' ħlas tat-tariffa tat-triq jitqies bħala reat kriminali skont il-liġi nazzjonali:

Skont [isem tal-liġi nazzjonali li tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680], inti għandek id-dritt li titlob mingħand il-kontrollur aċċess għal data personali u rettifika jew tħassir tagħha jew restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data personali tiegħek. Inti għandek ukoll id-dritt li tressaq ilment quddiem [isem u indirizz tal-awtorità superviżorja rilevanti].]

Ġustifikazzjoni

F'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, jew id-Direttiva tal-Pulizija fejn applikabbli, l-ittra għandha ssemmi d-drittijiet bażiċi tal-protezzjoni tad-data disponibbli għaċ-ċittadini kollha u l-isem u l-indirizz tal-awtorità fejn dawn ikunu jistgħu

jressqu lment. Din l-emenda hija neċessarja għal raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test.

Emenda 32

Proposta għal direttiva Anness IV

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Lista ta' teknoloġiji permessi għas-sistemi elettroniċi ta' pedaqġ biex isiru tranżazzjonijiet ta' pedaqġ elettroniċi ***imħassar***

- 1. pożizzjonar bis-satellita;***
- 2. komunikazzjoni mobbli;***
- 3. teknoloġija ta' microwave b'5,8 GHz***

Ġustifikazzjoni

Il-lista tat-teknoloġiji għandha tkun soġġetta għal kodeċiżjoni mil-leġiżlatur. Din l-emenda hija neċessarja għal raġunijiet urġenti marbuta mal-loġika interna tat-test.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-interoperabilità tas-sistemi elettroniċi ta' pedaġġ u l-faċilitazzjoni tal-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni dwar in-nuqqas ta' ħlas ta' tariffi tat-triq fl-Unjoni (riformulazzjoni)		
Referenzi	COM(2017)0280 – C8-0173/2017 – 2017/0128(COD)		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 15.6.2017		
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.6.2017		
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Branislav Škripek 31.8.2017		
Eżami fil-kumitat	20.2.2018	20.3.2018	27.3.2018
Data tal-adozzjoni	27.3.2018		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	48 2 4	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Asim Ademov, Jan Philipp Albrecht, Heinz K. Becker, Monika Beňová, Caterina Chinnici, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Tanja Fajon, Laura Ferrara, Kinga Gál, Ana Gomes, Sylvie Guillaume, Jussi Halla-aho, Eva Joly, Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Monica Macovei, Roberta Metsola, Claude Moraes, Ivari Padar, Judith Sargentini, Branislav Škripek, Csaba Sógor, Sergei Stanishev, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Bodil Valero, Marie-Christine Vergiat, Harald Vilimsky, Udo Voigt, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström		
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Ignazio Corrao, Gérard Deprez, Maria Grapini, Marek Jurek, Miltiadis Kyrkos, Nuno Melo, Angelika Mlinar, Nadine Morano, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Emilian Pavel, Morten Helveg Petersen, Petri Sarvamaa, Elly Schlein, Barbara Spinelli		
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	André Elissen, Marc Joulaud, Christelle Lechevalier, Martina Michels, Liadh Ní Riada, Anna Záborská		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

48	+
ALDE	Gérard Deprez, Angelika Mlinar, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Morten Helveg Petersen, Cecilia Wikström
ECR	Jussi Halla-aho, Marek Jurek, Monica Macovei, Branislav Škripek, Helga Stevens
EFDD	Ignazio Corrao, Laura Ferrara
ENF	Christelle Lechevalier, Harald Vilimsky
PPE	Asim Ademov, Heinz K. Becker, Carlos Coelho, Anna Maria Corazza Bildt, Rachida Dati, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Kinga Gál, Marc Joulaud, Nuno Melo, Roberta Metsola, Nadine Morano, Petri Sarvamaa, Csaba Sógor, Traian Ungureanu, Anna Záborská
S&D	Monika Beňová, Caterina Chinnici, Tanja Fajon, Ana Gomes, Maria Grapini, Sylvie Guillaume, Cécile Kashetu Kyenge, Miltiadis Kyrkos, Juan Fernando López Aguilar, Claude Moraes, Ivari Padar, Emilian Pavel, Elly Schlein, Sergei Stanishev, Josef Weidenholzer
VERTS/ALE	Jan Philipp Albrecht, Eva Joly, Judith Sargentini, Bodil Valero

2	-
ENF	André Elissen
NI	Udo Voigt

4	0
GUE/NGL	Martina Michels, Liadh Ní Riada, Barbara Spinelli, Marie-Christine Vergiat

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni